MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 825/2002

**Antoine Gatt**

**-vs-**

**Chairman tal-Malta Environment and Planning Authority li issa tinkorpora d-Dipartiment ta’ l-Ambjent u b’ digriet tal-25 ta’ Gunju 2004 ġew kjamati in kawża l-Ministru u d-Direttur Ġenerali ta’ l-Affarijiet Rurali u Ambjent; u b’nota tad-19 ta’ Novembru 2008 il-Prim Ministru assuma l-atti tal-kawża minflok l-istess Direttur Ġenerali ta’ l-Affarijiet Rurali u Ambjent.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-18 ta’ Lulju 2002 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Peress li minħabba imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti tal-konvenut *nomine*, li llum huwa s-suċċessur tad-Direttur tal-Ambjent, u dan b'dannu ta' l-attur, ġew kaġunati danni meta l-attur intbagħat fuq ix-xogħol ta' mpjegati tad-Dipartiment ta' l-Ambjent jiġbor għasfur imweġġa' u dan mingħajr ma ngħata *"protective clothing"* speċjalment għall-għajnejn lill-attur jew lill-impjegati bħalu. Dan l-inċident ġara fl-4 ta' Settembru, 1996, fl-Għadira Mellieħa.

Peress li dawn id-danni, kemm bħal danni emerġenti u kemm għal *lucrum cessans*, jikkonsistu fit-telf ta' għajn b'mod permamenti u telf ta' qliegħ u spejjeż minnu inkorsi;

Peress li minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarċiment mill-konvenut *nomine*, li llum huwa s-suċċessur tad-Direttur ta' l-Ambjent;

Jingħad, għalhekk, mill-konvenut *nomine*, li llum huwa s-suċċessur tad-Direttur ta' l-Ambjent, għala din il-Qorti m' għandhiex:

1. Tiddikjara lill-istess konvenut *nomine*, li llum huwa s-suċċessur tad-Direttur ta' l-Ambjent, responsabbli tad-danni sofferti mill-attur meta l-attur intbagħat fuq ix-xogħol ta' mpjegati tad-Dipartiment ta' l-Ambjent jiġbor għasfur imweġġa' u dan mingħajr ma ngħata *"protective clothing"* speċjalment għall-għajnejn lill-attur jew lill-impjegati bħalu;

2. Tillikwida d-danni kaġjonati, jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut *nomine*, li llum huwa s-suċċessur tad-Direttur ta' l-Ambjent, għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine*, li llum huwa s-suċċessur tad-Direttur ta' l-Ambjent, bl-inġunzjoni minn issa għas-subizzjoni; inkluż l-ispejjeż oħra ta' l-ittri uffiċjali interpellanti għall-ħlas tad-danni u biex tiġi interrotta kull preskrizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet ta’ l-awtorita konvenuta, ppreżentata fit-23 ta’ Ottubru, 2002, li permezz tagħha esponiet:

1. Illi preliminarjament, iċ-ċitazzjoni attriċi hija nulla u bla effett *stante* li ma ġietx preċeduta minn att ġudizzjarju fil-konfront ta’ l-Awtorita’ eċċipjenti:

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-Awtorita’ eċċipjenti huma nulli u bla effett *stante* li:

a. l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma tinkorporax id-Dipartiment ta’ l-Ambjent, u

b. l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar m’hijiex is-suċċessur tad-Dipartiment ta’ l-Ambjent;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-Awtorita’ eċċipjenti huma preskritti;

4. Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez *stante* li għall-inċident *de quo* ma hix responsabbli l-Awtorita’ eċċipjenti anzi hu l-attur stess li stieden l-inċident *de quo – volenti non fit injuria.*

5. Illi għaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-25 ta’ Ġunju 2004 illi permezz tiegħu ġew imdaħħla fil-kawża l-Ministru u Direttur Ġenerali ta’ l-Ambjent;

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet ta’ l-istess imsejjaħ fil-kawża ppreżentati fit-3 ta’ Jannar 2005, li permezz tagħhom espona:

1. Illi preliminarjament id-Direttur Ġenerali ta’ l-Affarijiet Rurali u Ambjent ma jeżistix bħala pożizzjoni, iżda li għandu jitħarrek huwa s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta’ l-Affarijiet Rurali u Ambjent;

2. Illi preliminarjament il-Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u Ambjent tħarrek inutilment u għandu jkun liberat mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li hemm awtorita’ oħra minn naħa tal-Gvern li tista’ twieġeb għall-allegazzjonijiet ta’ l-attur.

3. Illi fil-mertu l-kjamati fil-kawża m’humiex responsabbli għal dan l-inċident u jirrespinġu bħala infondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet vantati fil-konfront tagħhom mill-attur, bl-ispejjeż kontra l-attur li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

4. Illi l-kjamati fil-kawża jirriservaw id-dritt li jippreżentaw nota t’eċċezzjonijiet ulterjuri immedjatament kif ikollhom f’ idejhom it-tagħrif sħiħ dwar dan il-każ, peress li bħalissa m’ għandhomx dan it-tagħrif.

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet ulterjuri ppreżentata fis-27 ta’ Jannar 2005, ta’ l-istess imsejjaħ fil-kawża li permezz tagħha espona:

1. Illi l-kjamati fil-kawża m’humiex responsabbli għal dan l-inċident u jirrespinġu bħala infondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet vantati fil-konfront tagħhom mill-attur, *stante* li dan l-inċident seħħ unikament tort ta’ l-imprudenza, negliġenza u imperizja min-naħa ta’ l-attur u għalhekk il-konvenuti kjamati fil-kawża m’humiex responsabbli għad-danni kaġunati mill-attur.

Bl-ispejjeż kontra l-attur li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet oħra ulterjuri ppreżentata fit-23 ta’ Frar 2007, li permezz tagħha l-istess imsejjaħ fil-kawża espona:

1. L-irriċevibilita’ ta’ din iċ-ċitazzjoni fil-konfront tal-esponenti kjamati fil-kawża *stante* li qabilha ma saritx interpellazzjoni ġudizzjarja kif jitlob l-artiklu 460 tal-Kap 12.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, din il-kawża hija preskritta fil-konfront tal-kjamati fil-kawża bit-terminu tas-sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Rat in-nota tad-19 ta’ Novembru 2008 li permezz tagħha l-Prim Ministru assuma l-atti tal-kawża minflok id-Direttur Ġenerali ta’ l-Affarijiet Rurali u Ambjent;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2009 li permezz tagħha il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar il-kap tar-responsabilita’ ta’ l-inċident;

Rat in-nota ta’ sottimissjonijiet ta’ l-imsejjaħ fil-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu ikkundannati jħallsu d-danni wara l-inċident li ġara fuq waqt li kien fil-qadi ta’ xogħlu fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni meta kien qed jaħdem mad-Dipartiment konċernat.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien impjegat mas-soċjeta’ konvenuta meta ġara l-inċident li fih weġġa’. L-inċident ġara meta huwa mar jiġbor għasfur li kien instab f’lukanda. L-għasfur kien ġo kaxxa u meta huwa mar biex jiġbru dan laqtu f’għajnejh u sfortunatament ikkawżalu ħsara biżżejjed biex tilef għajn minnhom.

L-awtorita konvenuta u anke l-imsejjaħ fil-kawża intavolaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ sentejn għal ħsarat mhux kaġonati b’reat *ai termini* ta’ l-artikolu 2153. Madankollu l-awtorita’ ma ċċitat la l-artikolu in kwistjoni u lanqas liema preskrizzjoni qed tinvoka u għalhekk fuq l-iskorta ta’ diversi sentenzi l-Qorti m’hijiex se tieħu konjizzjoni ta’ din l-eċċezzjoni fejn tidħol l-awtorita’ konvenuta. Fir-rigward tal-kjamat fil-kawża, hawnhekk huma mportanti l-ittri uffiċjali li ġew preżentati mill-attur għaliex filwaqt li l-inċident ġara fl-1996 il-kawża saret fis-sena 2002. Jidher pero’ li l-attur ippreżenta żewġ ittri uffiċjali qabel ma bdiet il-kawża fil-konfront ta’ l-istess kjamat in kawża – waħda f’Lulju 1998 li għalkemm ma ġietx preżentata għaliex intilfet fl-arkivju tal-Qorti (ara d-dikjarazzjoni tad-difensur ta’ l-attur a fol. 18) hemm ammissjoni fin-nota ta’ sottomissjonijiet li ġiet riċevuta – u oħra fil-25 ta’ Lulju 2000. Għalhekk sa hemm il-preskrizzjoni ġiet interrotta. Il-kawża mbagħad ġiet preżentata fir-rigward ta’ l-awtorita’ għaliex din assumiet il-poteri li qabel kienu tad-dipartiment konċernat u infatti issa l-attur huwa mpjegat magħha. Wara d-digriet li bih ġiet ordnata s-sejħa fil-kawża n-notifika saret f’Diċembru 2004 (fol. 38). Għandu jingħad li dan ġara wara li bi żball l-uffiċjal tal-Qorti nnotifika lill-awtorita’ konvenuta minflok l-imsejjaħ fil-kawża (fol. 27). Hu x’inhu l-Qorti ma tħossx li l-mod kif inbidlet is-sitwazzjoni fl-impjieg tiegħu u mbagħad l-iżball imsemmi għandhom jippreġudikawh għaliex f’dan kollu huwa ma kellu ebda tort. Sakemm saret il-kawża l-*employer* tiegħu ma baqax id-Direttur ta’ l-Ambjent iżda l-awtorita’ konvenuta. Għalhekk il-kawża bdiha kontra tagħha għaliex hija daħlet fl-obbligu li kellu l-imsejjaħ fil-kawża bħala *employer* – għalkemm lill-Qorti għad trid tara iktar ’l isfel jekk jirriżultalhiex illi assumiet l-obbligazzjonijiet legali għall-każ bħal dak odjern. Huwa mportanti f’dan ir-rigward li d-Direttur tad-Dipartiment ta’ l-Ambjent ġie msejjaħ fil-kawża f’Ġunju 2004 u kwindi *entro* s-sentejn minn meta ġiet interrotta l-aħħar il-preskrizzjoni. Għalhekk il-Qorti in vista ta’ dan kollu qed tiċħad din l-eċċezzjoni.

L-eċċezzjoni fir-rigward ta’ l-att ġudizzjarju li kellu jintbagħat a tenur ta’ l-artikolu 460 tal-Kap. 12, dan żgur ma japplikax fir-rigward ta’ l-imsejjaħ fil-kawża kemm

għaliex fil-fatt din kienet intbagħtet kif ġia' ingħad u kemm għaliex dan ma japplikax meta d-dipartiment tal-Gvern jew awtorita' konċernata tkun ġiet imsejħa fil-kawża – ara s-sentenzi **Cauchi vs Schembri** (Prim Awla 15 ta' Jannar 1984), **Ellis vs Kontrollur tad-Dwana** (Appell Inferjuri 10 ta' April 2003), u **Kunsill Lokali Mellieħa et vs Central Mediterranean Development Corporation** (Prim Awla 27 ta' Ġunju 2003).

Fir-rigward ta' l-awtorita konvenuta ma hemmx dubbju li din kellha tiġi notifikata bl-att ġudizzarju – ara per eżempju s-sentenzi **John Sammut vs Awtorita ta' l-Ippjanar** (Appell 30 ta' April 1998) u **Domenico Savio Spiteri vs Direttur Generali tal-Qrati** (Appell 17 ta' Marzu 2008). Il-kwistjoni hija jekk il-fatt li l-attur kien ħa ħsieb jinnotifika lill-imsejjaħ fil-kawża (li dak iż-żmien kien il-leġittimu kontradittur tiegħu) b'att ġudizzjarju kienx biżżejjed għal dan l-iskop. Il-Qorti tħoss li b'analoġija ma dak li ntqal fir-rigward ta' l-imsejjaħ fil-kawża, ladarba l-awtorita' assumiet ir-rwol li qabel kellu l-imsejjaħ fil-kawża u dan kien ġie nterpellat biex iħallas id-danni, l-attur ma kellux għalfejn jerġa' jibgħat att ġudizzarju ieħor lill-awtorita'. Fuq kollox dan l-artikolu għandu l-ħsieb li jevita azzjoni l-Qorti f'każ li l-Gvern jew l-awtorita' konċernata tkun disposta li tħallas jew tiddiskuti ħlas u ma għandux jiġi wżat biex iċ-ċittadin jiġi mċaħħad minn xi <u>dritt li wara kollox huwa</u> <u>jkun debitament ikkawtela</u>. Għalhekk anke hawn l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Stabbilit dan il-Qorti trid allura tara jekk l-inċident in kwistjoni ġarax tort ta' xi ħadd mill-awtorita' konvenuta jew imsejjaħ fil-kawża.  L-attur fl-affidavit tiegħu (fol. 47) qal li fiż-żmien li ġara l-inċident kien hemm nuqqas serju ta' materjal ta' protezzjoni u kien wara li ġara l-inċident li d-dipartiment kien xtara nuċċalijiet ta' protezzjoni u *visors*. Ilmenta wkoll minn nuqqas ta' taħriġ fejn jirrigwardja ġbir u trasport ta' annimali feruti.  Dan il-fatt ġie stabbilit anke minn xhieda oħra, impjegati fl-istess tip ta' xogħol ta' l-attur. Ix-xhud Mario Gauci, prodott mill-attur, li kien spettur ta' l-ambjent fiż-żmien li ġara l-inċident, qal li dak iż-żmien kellhom *boiler suits*, u xi *safety hats* u *shoes* u ngwanti. Ammetta pero' li kien dipartiment ġdid u allura l-apparat

kien qed jinxtara ftit ftit. Taħriġ ma ngħatax (fol. 61). Anke x-xhud Louis Vella kkonferma li l-*equipment* ma kienx jinkludi dak għal protezzjoni ta' l-għajnejn. Ix-xhud Stanley Gatt ikkonferma wkoll li wara l-inċident inxtraw *safety goggles* biex jiġu evitati nċidenti simili.

Żewġ impjegati tal-lukanda Mellieħa Bay spjegaw li dakinhar ta' l-inċident instab għasfur (russett) fil-parti ta' wara tal-lukanda u poġġewh ġo kaxxa mdaqqsa. Ċemplu lil Malta Ornithological Society u dawn ikkuntattjaw lid-Dipartiment ta' l-Ambjent. Meta wasal l-attur dan deher ħerqan ħafna li jara l-għasfur u kif mar kokka ħdejn il-kaxxa u fetaħha ftit l-għasfur ħareg għonqu u laqtu f'għajnejh.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Danastasi vs Enemalta Corporation** deċiża fit-28 ta' Ġunju 2005 qalet:

*"Illum it-tendenza riċenti tal-Qrati tagħna, issa msaħħa wkoll minn leġislazzjoni iktar moderna u konsonanti maż-żminijiet hija li hemm kważi preżunzjoni illi inċident industrijali jiġri għax ma kienx hemm a safe system of work.*

*Huwa faċli għal dak li jipprovdi x-xogħol illi iwaħħal fl-impjegat għax uża għodda mhux koperti minn apparat ta' sigurta' iżda fuq kollox l-impjegat ikun qed jaħdem għall-aħjar ta' min jagħtih ix-xogħol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-għodda ikun medd idejh għax-xogħol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wieħed jattribwixxi xi tort lill-attur u ngħidulu li kien aħjar li ħasel idejh."*

Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Schembri vs Caruana nomine** deċiża fit-12 ta' Jannar 1983, *l-employer (għandu jaħseb) illi jippjana sew ix-xogħol u jikkunsidra l-fatt li l-istess ħaddiema ġieli jittraskuraw ir-riskji nvoluti fix-xogħol tagħhom ta' ku jum.*

Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2003 *min iħaddem għandu d-dover li jipprovdi post tax-xogħol li ma jkunx ta' perikolu u riskju għas-*

*saħħa ta' l-istess ħaddiem (ara Bugeja vs Falzon deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' April 1997 u Desira vs Grech and Co. Ltd deċiża fit-30 ta' Mejju 2002).*

Sentenzi oħra ta' l-istess opinjoni huma **Galea vs Balzan** Qorti ta' l-Appell 26 ta' Frar 1993 u **Agius vs Galea** Qorti tal-Kummerċ 11 ta' Lulju 1989). Sentenza riċenti **Grezzju Scicluna vs C. Cini and Sons Ltd -** 27 ta' Ġunju 2006 – Ċit 348/02 TM) iċċitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb **Modern Employment Law** li jelenka erba' prinċipji bażiċi f'każi simili, u cioe':

*i. the employer must ensure that the employee knows the dangers*

*ii. the employer must ensure that the emplyee konws the precautions to be taken against these dangers*

*iii. the employer must ensure that the precautions are available*

*iv. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available*

Kif sew irrimarkat il-Qorti fil-kawża msemmija **Schembri vs Caruana** min iħaddem irid iżomm quddiem għajnejh illi ġie li l-ħaddiem jittraskura xi ftit dwar il-perikoli li jkollu u għalhekk għandu jkun hemm sistema biex dawn l-iżbalji ma jsirux.

Dan kollu ġie riprodott fis-sentenza fil-kawża deċiża minn din il-Qorti fl-ismijiet **Anna Micallef vs Allchem Limited** (13 ta' Ġunju 2007 - li hija pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell).

F'dan il-każ id-dipartiment konvenut żgur li kellu obbligu li jipprovdi lill-attur b'apparat neċessarju biex jipproteġi l-iktar partijiet tal-ġisem li jkunu esposti għall-perikolu u billi parti mix-xogħol ta' l-attur kien appuntu li jiġbru annimali mitluqin jew imweġġgħin jew morda, is-***safety goggles*** kellhom jiġu provduti qabel l-inċident u mhux qagħad jistenna li jiġri l-inċident biex għamel dan.

Fl-istess ħin l-attur kien messu wera iktar prudenza meta mar biex jara l-għasfur u *multo magis* meta wieħed jikkonsidra li skond ix-xhieda tiegħu kien ilu ċirka erbgħa snin jagħmel dak ix-xogħol u kellu esperjenza anke mal-volontarjat f'dak il-qasam. Il-Kodiċi Ċivili mhux biss jgħid li min jaħti għall-ħsara għandu jwieġeb għaliha (artikolu 1031), iżda wkoll li jekk xi ħadd jikkontribwixxi għall-inċident li jikkawża l-ħsara għandu jwieġeb f'dak il-proporzjon (artikolu 1051). F'dan is-sens wieħed jista' jiċċita s-sentenzi fl-ismijiet **Steve Cuschieri vs Panta Contracting Limited –** Prim Awla 28 ta' Novembru 2003, u **Carmelo Micallef vs John Pisani noe –** Qorti ta' l-Appell 5 ta' Ottubru 2001), fejn f'kull każ l-attur ġie ritenut li kkontribwixxa għall-inċident bejn il-partijiet (mhux fl-istess kwoti).

F'dan il-każ kif ġia' ingħad il-Qorti tħoss li għalkemm id-dipartiment naqas li jipprovdi lill-attur bl-apparat imsemmi, l-istess attur li kien priv minn dan l-apparat kien messu qagħad attent u ma marx jaqbad u jiftaħ il-kaxxa b'mod li jipperikola ruħu u għalhekk se takkollalu terz għar-responsabbilta' ta' l-inċident. Il-Qorti tħoss ukoll li peress li ma nġabet ebda prova li l-awtorita' konvenuta assumiet ir-responsabbilta' legali għall-obbligazzjonijiet tad-dipartiment konċernat għandu jkun l-istess dipartiment, issa rappreżentat mill-Prim Ministru li għandu jkun tenut responsabbli.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-awtorita' konvenuta, *eccetto* l-parti tat-tieni eċċezzjoni mmarkata bl-ittra (b), u ta' l-imsejjaħ fil-kawża, u tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara lill-istess dipartiment imsejjaħ fil-kawża responsabbli għal żewġ terzi għall-inċident in kwistjoni u kwindi għal żewġ terzi tad-danni konsegwenzjali. Spejjeż ta' din l-istanza terz għall-attur u żewġ terzi għall-istess dipartiment ta' l-ambjent filwaqt li l-awtorita' konvenuta għandha tbati l-ispejjeż tagħha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------